DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1504

tas-7 ta' Settembru 2015

li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri fir-rigward tal-provvediment tal-istatistika skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika dwar l-enerġija

(notifikata bid-dokument C(2015) 6105)

(It-testi bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Olandiż u bis-Slovakk biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4) u10(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008, fuq talba debitament ġustifikata ta' Stat Membru, jistgħu jingħataw derogi għal dawk il-partijiet tal-istatistiċi nazzjonali li l-ġbir tagħhom iwassal għal piż eċċessiv fuq dawk li jwieġbu.

(2) Il-Belġju, l-Estonja, Ċipru u s-Slovakkja ressqu talbiet għall-kisba ta' derogi fir-rigward tal-provvediment ta' statistiki dwar il-konsum dettaljat tal-enerġija fid-djar skont it-tip ta' użu aħħari għal ċerti snin ta' referenza.

(3) L-informazzjoni mogħtija minn dawk l-Istati Membri tiġġustifika l-għoti ta' derogi.

(4) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Jingħataw id-derogi li ġejjin mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008:

(1) Il-Belġju jingħata deroga milli jipproduċi riżultati għas-sena ta' referenza 2015 għall-punt 1.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 2.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 3.2.3 partiti 3.1 sa 3.6, il-punt 4.2.3 partiti 7.2.1 sa 7.2.5 u l-punt 5.2.4 partiti 4.2.1 sa 4.2.5 tal-Anness B dwar statistiki dwar il-konsum dettaljat tal-enerġija fid-djar skont it-tip ta' użu aħħari (kif definit fil-punt 2.3 partita 26 "Setturi Oħra — Residenzjali" tal-Anness A).

[1] ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1.

(2) L-Estonja tingħata deroga milli tipproduċi riżultati għas-snin ta' referenza 2015, 2016 u 2017 għall-punt 1.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 2.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 3.2.3 partiti 3.1 sa 3.6, il-punt 4.2.3 partiti 7.2.1 sa 7.2.5 u l-punt 5.2.4 partiti 4.2.1 sa 4.2.5 tal-Anness B dwar statistiki dwar il-konsum dettaljat tal-enerġija fid-djar skont it-tip ta' użu aħħari (kif definit fil-punt 2.3 partita 26 "Setturi Oħra — Residenzjali" tal-Anness A).

(3) Ċipru jingħata deroga milli jipproduċi riżultati għas-snin ta' referenza 2015, 2016 u 2017 għall-punt 1.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 2.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 3.2.3 partiti 3.1 sa 3.6 u l-punt 5.2.4 partiti 4.2.1 sa 4.2.5 tal-Anness B dwar statistiki dwar il-konsum dettaljat tal-enerġija fid-djar skont it-tip ta' użu aħħari (kif definit fil-punt 2.3 partita 26 "Setturi Oħra — Residenzjali" tal-Anness A).

(4) Is-Slovakkja tingħata deroga milli tipproduċi riżultati għas-snin ta' referenza 2015 u 2016 għall-punt 1.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 2.2.3 partiti 4.2.1 sa 4.2.5, il-punt 3.2.3 partiti 3.1 sa 3.6, il-punt 4.2.3 partiti 7.2.1 sa 7.2.5 u l-punt 5.2.4 partiti 4.2.1 sa 4.2.5 tal-Anness B dwar statistiki dwar il-konsum dettaljat tal-enerġija fid-djar skont it-tip ta' użu aħħari (kif definit fil-punt 2.3 partita 26 "Setturi Oħra — Residenzjali" tal-Anness A).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika ta' Ċipru u lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Settembru 2015.

Għall-Kummissjoni

Marianne THYSSEN

Membru tal-Kummissjoni